# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) SUPERJURI

## MAGISTRAT
## DR A. MICALLEF TRIGONA LL.D., MAG. JUR (EU LAW)

Seduta ta' nhar it-Tlieta 23 ta' Jannar 2001

Citazzjoni numru 146/00

Ester armla ta' Giusepp Mintoff, Pawla xebba Mintoff, John Mintoff, Victor Mintoff, Carmel Mintoff u Maria Dolores maghrufa bhala Doris Zammit

-vs-

Direttur tar-Registru Pubbliku

**Il-Qorti;**

Rat ic-citazzjoni fejn l-atturi wara li ppremettew illi Giusepp Mintoff iben Luigi u Carmela nee' Camilleri twieled fit-22 ta' Ottubru elf disa' mija u hdax (1911) fl-Ghasri u c-certifikat tat-twelid tieghu gie registrat fir-Registru Pubbliku, Ghawdex bin-numru progressiv sitt mija u erbgha u erbghin ta' l-istess sena (644/1911);

U illi f'dan l-att, hemm indikat fil-kolonna "Taghrif dwar missier it-tabrija" illi l-"Isem u kunjom" l-istess missier kien "Mintuf".

U illi dan Giusepp Mintuf izzewweg l-ewwel lil Maria Dolores Caruana, ezattament fl-ghoxrin (20) ta' Awissu elf disa' mija tnejn u tletin (1932) u dan ic-certifikat taz-zwieg gie ukoll registrat fir-Registru Pubbliku Ghawdex bin-numru progressiv mija u tnejn ta' l-istess sena (102/1932);

U illi f'dak ic-certifikat fit-"Taghrif dwar ir-ragel" fil-kolonna "Isem u kunjom" hemm indikat illi kunjom Giusepp kien Mintuf;

U illi wara l-mewt ta' l-ewwel mara tieghu, Giusepp Mintoff rega' zzewweg, din id-darba lil Ester Zammit u c-certifikat taz-zwieg tieghu gie registrat fir-Registru Pubbliku ghal Ghawdex bin-numru mija u hamsa u hamsin tas-sena elf disa' mija tlieta u erbghin (155/1943);

U illi f'dak ic-certifikat ukoll fit-"Taghrif dwar ir-ragel" fil-kolonna "isem u kunjom" hemm indikat illi kunjom Giusepp kien "Mintuf";

U peress illi finalment Giusepp miet fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Gunju tas-sena elfejn u fuq l-informazzjoni moghtija fic-certifikat tat-twelid tieghu, id-Direttur tar-Regisru Pubbliku irregistra l-att tal-mewt tieghu, bin-numru mija u sittin tas-sena elfejn (160/2000), billi fit-"taghrif dwar il-persuna mejta' fil-kolonna "Isem u kunjom" indika l-isem "Mintuf" u fil-kolonna "isem u kunjom il-Genitur jekk hajjin jew mejtin" indika illi kunjom il-missier kien ukoll "Mintuf".

U illi dan il-kunjom "Mintuf" ma huwa xejn hlief l-isem "Mintoff" miktub skorrettement, u in effetti Giusepp kien dejjem igib l-isem Mintoff u kien minn dejjem maghruf bil-kunjom Mintoff;

U illi tant huwa hekk illi l-atti tat-twelid tal-hamest itfal tieghu cioe' l-atturi kollha barra Ester Mintoff ilkoll juru l-kunjom Mintoff bhala l-kunjom proprju taghhom;

U illi ghaldaqstant l-atturi, cioe' Ester Mintoff bhala l-armla ta' l-imsemmi Giusepp Mintoff, u l-atturi l-ohra bhala l-hamest uliedu, jixtiequ illi l-kunjom ta' Giusepp fl-atti tat-twelid, u taz-zewg zwigijiet u tal-mewt tieghu jigi korrett sabiex jirrapprezenta korrettement il-kunjom bhala "Mintoff".

Jghid ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti:

1. tordna l-korrezzjoni ta' l-att tat-twelid numru 644/1911 billi fil-kolonna "Taghrif dwra missier it-tarbija" l-Isem u kunjom ta' missier Giusepp jigi indikat bhala "Mintoff" u mhux bhala "Mintuf";

2. tordna l-korrezzjoni ta' l-Att tz-zwieg numru 102/1932 billi fit-"Taghrif dwra ir-ragel" fil-kolonna "isem u kunjom" il-kunjom "Mintuf" jigi sostitwit bil-kunjom "Mintoff";

3. tordna l-krorezzjoni ta' l-Att taz-zwieg numru 155/1943 billi fit-"taghrif dwar ir-ragel" fil-kolonna "isem u kunjom" il-kunjom "Mintuf" jigi sostitwit bil-kunjom "Mintoff";

4. tordna l-korrezzjoni ta' l-Att tal-Mewt numru 160/2000 billi fit-"Taghrif dwar il-persuna mejta" fil-kolonna "isem u kunjom" u fil-kolonna "Isem u kunjom il-genitur, jekk hajjin jew mejtin" il-kunjom "Mintuf" jigi sostitwit bil-kunjom "Mintoff".

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi guramentata mill-attrici Maria Dolores Zammit;

Rat l-opportuna pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern numru 7106 tal-5 ta' Settembru 2000 permezz ta' l-Avviz numru 1382;

Rat ir-rikors ta' l-atturi ghall-beneficcju ta' l-ghajnuna legali tal-21 ta' Awissu 2000 akkordat minn dina l-Qorti diversament preseduta b'digriet tat-30 ta' Awissu 2000;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku li fiha huwa ecepixxa:

1. illi huwa mhux edott mill-fatti kif allegati fic-citazzjoni u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet u dwar il-gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

2. Illi fi kwalunkwe kaz huwa m'ghandux jigi soggett ghal-ispejjez ta' din il-kawza stante li t-tibdil rikjest m'huwiex attribwibbli ghan-nuqqas da parti tal-konvenut;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat l-atti kolha tal-process;

Ikkunsidrat:

Illi l-atturi qua s-successuri tal-mejjet Giusepp, flimkien ma' l-armla tieghu qeghdin jitolbu li jigi korrett: l-att tat-twelid numru 644/1911; l-att tz-zwieg numru 102/1932; l-att taz-zwieg numru 155/1943 u l-att tal-mewt numru 160/2000, ilkoll ta' missierhom Giusepp li miet fis-27 ta' Gunju tas-sena 2000. F'kull kaz il-korrezzjoni qeghdha tintalab fir-rigward jew in konnessjoni l-kunjom ta' l-imsemmi missierhom b'dan illi kunjomu registrat fuq kull att jigi indikat u sostitwit b'dak "Mintoff" minflok "Mintuf" kif jidher fil-prezenti u dan ghad eccezzjoni ta' l-att tat-twelid ta' l-imsemmi missierhom li jgib numru 644/1911 fejn il-korrezzjoni qeghdha tintalab ukoll dwar il-kunjom "Mintuf", izda b'referenza ghall-missier l-imsemmi Giusepp jismu Luigi.

Il-Qorti hija sosdisfatta mix-xhieda u d-dokumenti annessi mac-citazzjoni li l-kunjom "Mintuf" registrat f'kull att fuq riferit mhu xejn hlief il-kunjom "Mintoff" miktub skorrettement u li in effetti l-imsemmi Giusepp kien dejjem igib kunjomu miktub "Mintoff" u dejjem kien maghruf b'dan il-kunjom, kif premess fic-citazzjoni attrici.

Ghal dawn il-motivi dina l-Qorti qeghdha tilqa' t-talbiet ta' l-atturi, billi:

1. tordna l-korerzzjoni ta' l-Att tat-Twelid numru 644/1911 billi fil-kolonna "taghrif dwar missier it-tarbija - l-isem u kunjom" ta' missier Giusepp jigi indikat bhala "Mintoff" u mhux bhala "Mintuf";

2. tordna l-korrezzjoni ta' l-Att taz-Zwieg numru 102/1932 billi fit-"Taghrif dwar ir-ragel" fil-kolonna "Isem u kunjom" il-kunjom "Mintuf" jigi sostitwit bil-kunjom "Mintoff";

3. tordna l-korrezzjoni ta' l-Att taz-Zwieg numru 155/1943 billi fit-"Taghrif dwar ir-ragel" fil-kolonna "isem u kunjom" il-kunjom "Mintuf" jigi sostitwit bil-kunjom "Mintoff";

4. tordna l-korrezzjoni ta' l-Att tal-Mewt numru 160/2000 billi fit-"Taghrif dwar il-persuna mejta" fil-kolonna "Isem u kunjom il-genitur, jekk hajjin jew mejtin" il-kunjom "Mintuf" jigi sostitwit bil-kunjom "Mintoff".

Spejjez, fic-cirkostanzi, jibqghu bla taxxa.

(ft.) A.Micallef Trigona
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
Deputat Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur